MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2007

Numru 255/2005

**Il-Pulizija**
**(Sp. Joseph Mercieca)**

**vs**

**Gaetano Sultana ta' 58 sena, iben Michael u Rosina nee Friggieri, imwieled Marsa fis-17 ta' Settembru, 1947 u li joqghod Flat 9, Blokk B, Bini tal-Gvern, Triq Alexander, Hamrun detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 815047 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Gaetano Sultana li gie akkuzat talli fit-18 ta' Marzu, 2005 ghall-habta tas-7

p.m. gewwa Block B, Bini tal-Gvern, Triq Alexander, Hamrun:

(1) bil-hsieb li jikkommetti delitt, cioe ferita ta' natura gravi ai termini ta' l-artiklu 218(1)(a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq il-persuna ta' Lawrence Galea u David Micallef wera dan il-hsieb b'atti esterni, u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, billi ta daqqiet ta' strument li jaqta' u bil-ponta lil Lawrence Galea u David Micallef, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u
(2) hebb ghall-istess Lawrence Galea u David Micallef u ikkagunalhom griehi ta' natura hafifa skond kif iccertifikaw Dr Michael Spiteri M. D.
(3) Fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna, u cioe feriment fuq il-persuna ta' Lawrence Galea u David Micallef, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari

Rat li l-imputat wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Rat ukoll l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema hu mahsub li tista' tinstab htija a fol 191u cioe:

(a) fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216, 217, 218, 31, 383, 384, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali
(b) fl-artikoli 2, 3, 9, 19, 23, 26 u 27 tal-Kapitolu 66

Rat li l-akkuzat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji (fol 190).

Ikkonsidrat

Illi mill-atti processwali u r-rapporti tal-PIRS hemm esebiti jirrizulta fic-car illi din il-blokka flats fejn jghixu l-protagonisti ta'din il-kawza in dizamina ma jgawdu xejn l-aspett tal-bon vicinat. Bizzejed li jinghad illi nqalghet glieda fuq bukkett fjuri ma' statwa tad-Duluri. Ghall-grazzja tal-argument wiehed jekk ibati b'xi allergiji jista'

f’dan iz-zminijiet lanqas johrog barra mill-bieb ghax il-gizi jinstabu f’kull roundabout u f’hafna front gardens tan-nies.

Issa certament daqstant iehor jirrizulta car illi hawn f’din il-blokka flats hemm zewg fazzjonijiet ta‘ hbieb jew ahjar supporters. L-akkuzat u familtu a kuntrast ta‘ David Micallef u familtu u Lawrence Galea u familtu.

Fil-fatt in succint il-provi migjuba min-naha jikkontrastaw dawk tan-naha l-ohra. Tant li Lawrence Galea jghid li kien l-akkuzat li tah daqqtejn b’sikkina esebita f’dawn l-atti, tant li sofra l-griehi rapportati fid-dokument (a fol 24). Mistqosi allura kif , jekk kellu s-sikkina f’idu l-akkuzat, kif spicca l-istess akkuzat imweggha bl-istess strument, Galea wiegeb li dan gara ghaliex hu qabad ix-xafra biex jipprotegi ruhu u ghalhekk gew ma‘ l-art. Skond dan ix-xhud ghax fih 120 kilos, daret ix-xafra b’hekk spicca weggha l-akkuzat vide certifikat Dok D1, Dok 02, Dok 3 fol 156.

Min-naha taghha Doreen Galea mart Lawrence ukoll xehdet fuq il-glieda, qalet illi hi rat lill-akkuzat waqt li dan u zewgha kienu qeghdin jillitakaw, igib xihaga minn wara u jaghti daqqa lir-ragel taghha, anzi zewg daqqiet, imbaghad ir-ragel taghha hataf lill-akkuzat minn idu u tefghu ma‘ l-art. Tghid li hi ma rat ebda strument, pero‘ rat id-demm.

David Micallef li hu habib ta‘ Lawrence Galea u li telgha jassistih meta semgha l-glied jghid illi hu ra lil Wenzu (Lawrence) fuq Gejtu (l-akkuzat). Huwa beda jghidlu li l-akkuzat ghandu sikkina f’idu. Kien hawn li dana ix-xhud ra s-sikkina f’idejn l-akkuzat. Jghid ukoll li qabad l-istess sikkina mix-xafra. Jghid li f’hin minnhom anke Wenzu hataf is-sikkina pero‘ telaqha kellu idu mcarrta. Jghid ukoll li f’din it-tqatigha biex tittiehed is-sikkina spiccat is-sikkina dahlitlu go saqajh.

Min-naha tieghu Lawrence Galea nnega ghal kollox dak allegat fil-konfront tieghu anzi jghid li kien Lawrence Galea li attaka lilu. Spjega b’dan il-mod kif spicca gie ferut Galea, meta l-istess akkuzat baqgha nsistenti li s-sikkina

kienet ghand Galea. A fol 199 jghid li hu (l-akkuzat) ried jinzel minn fuq il-bejt biex jghin lit-tifla tieghu li kienet qed tigi msawta. Per parentesi, bint Galea u Sultana fil-fatt spiccaw jitqatlu bejniethom fit-tarag. It-tnejn xehdu u ovvjament wahhlu f’xulxin. Jghid Sultana li allura li ried jinzel, Galea mbuttah u b’li kellu f’idu tah daqqa, beda jxejjer, l-akkuzat beda jilqa‘. Ikompli jghid li qalgha daqqa ta‘ ponn u waqgha ma‘ l-art, gie wiccu l-isfel. Jghid li kif gie wiccu l-isfel intefgha fuqu “... u kellu xihaga f’idu, arma, jien htaftha minn hawn, mix-xafra“ (200).

Jghid li meta kien wiccu l-isfel beda anke jaqla‘ daqqiet bil-ponn fuq il-kustilji.

Per parentesi anke bint l-istess akkuzat tikkonferma fix-xhieda taghha li hi rat:

i. Lil missierha f’ghadira demm wiccu ma‘ l-art u
ii. Aktar importanti jzomm xafra f’idu

Din ix-xhud pero‘ ma kinitx f’pozizzjoni tghid x’kellu f’idu Lawrence Galea waqt il-glieda ghalkemm kienet konvinta li xihaga kellu.

Ghandu jinghad ukoll illi anke a tempo vergine fl-istqarrija Gaetano Sultana sostna l-istess verzjoni li ta viva voce aktar tard quddiem din il-Qorti, cioe dejjem innega li hu qatt kellu l-arma f’idu jew li fera biha lil Galea jew Micallef.

Jibqa‘ wkoll il-kwistjoni tal-flokk, mentri Lawrence Galea jghid li dan tilfu fil-glieda anzi jghid li naqaslu (fol 70). Min-naha l-ohra l-akkuzat jghid illi fil-fatt Wenzu (ghalhekk Lawrence Galea) neza l-flokk u gie b’zaqqu barra biex jisfidah ghall-glied. Jghid ukoll illi hu meta rnexxielu johrog minn taht l-aggressuri tieghu qabad dan il-flokk u mesah wiccu mid-demm.

Ikkonsidrat

Illi fil-fatt ghandha ragun id-Difiza illi fuori mill-inkjesta qatt ma gie stabbilit jekk id-demm li jidher fuq il-flokk (vide ritratti esebiti fol 92) hux ta‘ l-akkuzat jew ta‘ Galea jew ta‘

Micallef jew ta‘ xi wiehed minnhom. Kien ikun hafna ghaqli kieku anke wiehed setgha japprezza jekk l-istess flokk ghandux fuqu tqattigh b'mod partikolari maghmula b'sikkina.

Illi certament jezisti dubju mill-provi prezentati dwar min fil-verita‘ beda l-glieda u min fera lil min, anzi hemm dubju serju fil-fehma ta‘ din il-Qorti min fil-fatt gab il-mus li bih spiccaw ferew dawn it-tlieta min-nies. Tenut kont ta‘ dan id-dubju ghalhekk din il-Qorti qeghda tillibera lil Gaetano Sultana mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------